

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2007/0196(COD)

7.2.2008

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva Nru 2003/55/KE rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali
(KOM(2007)0529 – C6-0317/2007 – 2007/0196(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Bernhard Rapkay

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

1. Sfond

Il-livell ta' kompetizzjoni u ta' integrazzjoni tas-suq li nlaħaq sa issa fil-qasam tal-gass, fil-kuntast ta' l-ewwel u tat-tieni pakkett għas-suq intern ta' l-enerġija, għadu mhuwiex soddisfaċenti. Għalhekk wieħed jilqa' bil-ferħ l-“aġġustament mill-ġdid” forma ta' dan it-tielet pakkett għas-suq intern ta' l-enerġija. Filwaqt li l-għanijiet stipulati fil-proposta tal-Kummissjoni għandhom appoġġ qawwi, l-istrumenti magħżula jqajmu xi mistoqsijiet.

2. Dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni

Pereżempju, il-proposta tal-Kummissjoni u d-diskussjoni politika ġeneralment huma ddominati mill-kwistjoni tas-separazzjoni tas-sjieda (ownership unbundling, OU). Jingħad li din il-miżura għandha aspetti pożittivi sinifikanti li jmorru sew lil hinn mill-aspetti ta' aċċess għas-suq mingħajr diskriminazzjoni. Madankollu, in-netwerks Ewropej tat-tranżmissjoni jiffurmaw monopolju naturali, u l-bidla tas-sid għal wieħed li ma kienx involut fil-produzzjoni u fid-distribuzzjoni mhux se jbidel dan il-fattur. Livell xieraq ta' regolazzjoni huwa strument ħafna iktar effettiv f'dan il-każ. Barra minn hekk, is-separazzjoni tas-sjieda timplika l-esproprijazzjoni għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni, fattur li jqajjem problemi kostituzzjonali ewlenin għall-inqas f'xi Stati Membri, kif ukoll il-mistoqsija ġenerali rigward il-proporzjonalità tal-mezzi. Dan iwassal għal snin twal ta' tilwim legali, b'effetti enormi fuq l-imġiba tal-kumpaniji konċernati rigward l-investment, kif ukoll fuq is-sigurtà tal-provvista. Wieħed jistaqsi wkoll jekk il-miżura tas-separazzjoni tas-sjieda jkollhiex verament l-effetti mixtieqa mill-Kummissjoni, jiġifieri l-integrazzjoni tas-suq u l-promozzjoni tal-kompetizzjoni.

Bħala alternattiva oħra tat-tieni grad, il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' “operaturi indipendenti tas-sistema”. Madankollu, din hija soluzzjoni inqas Prattikabbli.

Minħabba dawn il-premessi, wieħed jilqa' bil-ferħ il-fatt li xi Stati Membri fasslu mudell bil-għan li jiksbu separazzjoni effettiva u effiċjenti tas-sjieda ta' l-operaturi tas-sistema permezz ta' separazzjoni aktar stretta u li tikkonforma mal-liġi tal-kumpaniji. Dan il-mudell għandu jkun suġġett għal eżami mingħajr l-ebda preġudizzju, iżda f'kull każ irid imur lil hinn mill-mudell attwali tas-separazzjoni tas-sjieda stipulat fil-liġi tal-kumpaniji.

3. Qafas regolatorju

B'mod ġenerali, fil-ħolqien ta' suq intern integrat ta' l-enerġija li jkun jaħdem sewwa, it-tfassil intelliġenti tal-qafas regolatorju huwa ta' importanza ewlenija, ferm aktar mill-importanza tas-separazzjoni tas-sjieda. Filwaqt li l-proposta tal-Kummissjoni tiddedika dispożizzjonijiet estensivi lill-kwistjoni tar-regolamentazzjoni, tħalli għadd ta' mistoqsijiet mingħajr tweġiba rigward id-demarkazzjoni tal-kompetenzi bejn l-entitajiet regolatorji varji.

- B'mod partikulari, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi ta' l-Enerġija, li għandha biss setgħat konsultattivi, mhux probabbli li f'din il-forma tilħaq l-għan tagħha li ċċekken il-“vojt regolatorju” eżistenti u li jaffettwa l-aktar lill-interkonnetturi. L-aġenzija għandu jkollha, f'qasam li jkun definit b'mod ċar ħafna, setgħat li jorbtu rigward it-teħid tad-deċiżjonijiet. Filwaqt li tirrifletti l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, hija għandha tkun ukoll indipendenti mill-interessi ekonomiċi u politiċi, kif ukoll mill-Kummissjoni. Kompetenzi usa' jimplikaw ukoll responsabilizzazzjoni aktar estensiva ta' l-Aġenzija fil-konfront tal-Parlament u tal-Kunsill.

- Huwa fattur pożittiv li l-proposta tal-Kummissjoni ssaħħa l-indipendenza u l-kompetenzi ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Hemm bżonn urġenti ta' aktar armonizzazzjoni f'dan il-qasam.
- L-irwol tan-Netzwerk Ewropew ta' l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni m'għandux ikun akbar minn dak ta' l-Aġenzija, u żgur li s-setgħat regolatorji tiegħu għandhom ikunu limitati għat-tfassil ta' kodiċi tekniċi, u riferenzi għal kwalunkwe tip ta' "kważi regolamentazzjoni proprja" għandhom jiġu evitati.
- Fl-aħħarnett hemm il-mistoqsija dwar liema rwol għandu jkollha l-Kummissjoni fil-qafas regolatorju tal-ġejjieni. Il-proposta għal direttiva mfassla minnha jistipula setgħat b'firxa wiesgħa forma ta' linji ta' gwida taħt proċeduri delegati fil-qafas tal-komitoloġija. Minkejja l-applikazzjoni prevista ta' proċeduri regolatorji bi skrutinju, mill-perspettiva tal-Parlament tqum il-mistoqsija dwar jekk it-tfassil ta' linji ta' gwida għandux jitħalla biss f'idejn il-Kummissjoni, pereżempju dwar il-firxa tal-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji (Article 24d(4)). Linji ta' gwida oħra jistgħu wkoll jinterferixxu mal-kontenut regolatorju bażiku tad-direttiva u għalhekk il-kontenut tagħhom kemm jista' jkun għandu jkun definit fit-test innifsu tad-direttiva u għalhekk skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni.

4. Kummenti dwar il-proċedura

Minħabba ż-żmien qasir, l-emendi mitluba, b'mod partikulari rigward id-dispożizzjonijiet dwar is-separazzjoni tas-sjieda, mhumiex fattibbli f'dan l-istadju ta' l-abbozz ta' opinjoni. Għalhekk ir-rapporteur se jressaq emendi għal mudell alternattiv fil-ġejjieni.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

Emenda 1 PREMESSA 7

(7) Huwa biss bit-tneħħija ta' l-inċentiv inerenti tal-kumpaniji integrati vertikalment li jiddiskriminaw kontra kompetituri fir-rigward ta' l-aċċess għan-netwerk u l-investment li tista' tiġi żgurata separazzjoni effettiva. Il-proċess tas-separazzjoni tas-sjieda, jiġifieri li l-proprjetarju tan-netwerk jinħatar bħala l-operatur tan-netwerk u li jkun indipendenti minn kwalunkwe interess ta' forniment u produzzjoni, huwa **biċ-ċar l-**

(7) Huwa biss bit-tneħħija ta' l-inċentiv inerenti tal-kumpaniji integrati vertikalment li jiddiskriminaw kontra kompetituri fir-rigward ta' l-aċċess għan-netwerk u l-investment li tista' tiġi żgurata separazzjoni effettiva. Il-proċess tas-separazzjoni tas-sjieda, jiġifieri li l-proprjetarju tan-netwerk jinħatar bħala l-operatur tan-netwerk u li jkun indipendenti minn kwalunkwe interess ta' forniment u produzzjoni, huwa **(tħassir)**

aktar mod effettiv u stabbli biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt ta' interess inerenti u biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista. Għal din ir-raġuni, il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar Prospetti għas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku li ġie adottat fl-10 ta' Lulju 2007 rrefera għas-separazzjoni tas-sjieda fil-livell tat-trażmissjoni bħala "l-aktar għodda effettiva sabiex jiġu promossi l-investment fl-infrastrutturi b'mod mhux diskriminatorju, l-aċċess għus għan-netwerk għall-kompetituri ġodda u t-trasparenza fis-suq. L-Istati Membri għalhekk għandhom ikunu obbligati jiżguraw li l-istess persuna jew persuni ma jkollhomx id-dritt li jeżerċitaw il-kontroll, inkluż permezz ta' drittijiet ta' mblokk tal-minoranzi fuq deċiżjonijiet ta' importanza strateġika bħal investimenti, fuq impriża ta' produzzjoni jew forniment, u li fl-istess ħin ikollhom kwalunkwe interess jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew f'sistema ta' trażmissjoni. Min-naħa l-oħra, il-kontroll fuq operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jeskludi l-possibbiltà li l-istess persuna jew persuni jkollhom kwalunkwe interess jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt f'impriża ta' forniment.

mod effettiv u stabbli biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt ta' interess inerenti u biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista. Għal din ir-raġuni, il-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar Prospetti għas-suq intern tal-gass u ta' l-elettriku li ġie adottat fl-10 ta' Lulju 2007 rrefera għas-separazzjoni tas-sjieda fil-livell tat-trażmissjoni bħala "l-aktar għodda effettiva sabiex jiġu promossi l-investment fl-infrastrutturi b'mod mhux diskriminatorju, l-aċċess għus għan-netwerk għall-kompetituri ġodda u t-trasparenza fis-suq. L-Istati Membri għalhekk għandhom ikunu obbligati jiżguraw li l-istess persuna jew persuni ma jkollhomx id-dritt li jeżerċitaw il-kontroll, inkluż permezz ta' drittijiet ta' mblokk tal-minoranzi fuq deċiżjonijiet ta' importanza strateġika bħal investimenti, fuq impriża ta' produzzjoni jew forniment, u li fl-istess ħin ikollhom kwalunkwe interess jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt fuq operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew f'sistema ta' trażmissjoni. Min-naħa l-oħra, il-kontroll fuq operatur tas-sistema ta' trażmissjoni għandu jeskludi l-possibbiltà li l-istess persuna jew persuni jkollhom kwalunkwe interess jew jeżerċitaw kwalunkwe dritt f'impriża ta' forniment.

Ġustifikazzjoni

Mhux tajjeb li s-separazzjoni tas-sjieda tirrappreżenta l-aktar mod effettiv u mgħaġġel għall-garanzija tas-sigurtà tal-provvista. Is-sigurtà tal-provvista hija marbuta ma' kundizzjonijiet ħafna iktar kumplessi, bħall-livell tajjeb ta' regolamentazzjoni. Anke wara separazzjoni tas-sjieda, in-netwerk jiqa' monopolju naturali li jrid jiġi rregolat.

Emenda 2 PREMESSA 11

(11) Meta l-impriża li tkun proprjetarja ta' sistema tat-trażmissjoni tkun parti minn impriża integrata vertikament, l-Istati Membri għandhom għalhekk jingħataw l-għażla bejn is-separazzjoni tas-sjieda u, **bħala deroga**, it-twaqqif ta' operaturi tas-sistema indipendenti li jkunu indipendenti

(11) Meta l-impriża li tkun proprjetarja ta' sistema tat-trażmissjoni tkun parti minn impriża integrata vertikament, l-Istati Membri għandhom għalhekk jingħataw l-għażla bejn is-separazzjoni tas-sjieda u **(tħassir)** t-twaqqif ta' operaturi tas-sistema indipendenti li jkunu indipendenti mill-

mill-interessi ta' forniment u ta' produzzjoni. L-effettività sħiħa tas-soluzzjoni ta' l-operaturi indipendenti tas-sistema tkun teħtiegħ li tiġi aċċertata permezz ta' regoli speċifiċi addizzjonali Sabiex l-interessi ta' l-azzjonisti ta' kumpaniji integrati vertikament jitħarsu bis-sħiħ, l-Istati Membri għandu jkollhom ukoll l-għażla li jimplementaw separazzjoni tas-sjieda jew permezz ta' żvestiment dirett jew inkella billi jitqassmu l-ishma tal-kumpanija integrata fl-ishma tal-kumpanija tan-netwerk u fl-ishma tan-negozju li jkun jibqa' ta' forniment u ta' produzzjoni, sakemm ir-rekwiżiti li jirriżultaw mis-separazzjoni tas-sjieda jiġu rispettati.

interessi ta' forniment u ta' produzzjoni. L-effettività sħiħa tas-soluzzjoni ta' l-operaturi indipendenti tas-sistema tkun teħtiegħ li tiġi aċċertata permezz ta' regoli speċifiċi addizzjonali Sabiex l-interessi ta' l-azzjonisti ta' kumpaniji integrati vertikament jitħarsu bis-sħiħ, l-Istati Membri għandu jkollhom ukoll l-għażla li jimplementaw separazzjoni tas-sjieda jew permezz ta' żvestiment dirett jew inkella billi jitqassmu l-ishma tal-kumpanija integrata fl-ishma tal-kumpanija tan-netwerk u fl-ishma tan-negozju li jkun jibqa' ta' forniment u ta' produzzjoni, sakemm ir-rekwiżiti li jirriżultaw mis-separazzjoni tas-sjieda jiġu rispettati.

Ġustifikazzjoni

It-twaqqif ta' operaturi tan-netwerks indipendenti għandha tkun alternattiva ta' valur ugwali.

Emenda 3 PREMESSA 32

(32) Fir-rigward tad-Direttiva 2003/55/KE, il-Kummissjoni għandu tingħatalha s-setgħa b' mod partikolari biex tadotta l-linji gwida meħtieġa għall-provvediment tal-livell minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġ biex jintlaħaq l-għan ta' din id-Direttiva. Billi dawk il-miżuri huma ta' firxa ġenerali u mfaġġala bħala sostenn għad-Direttiva 2003/55/KE permezz taż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, iridu jkunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju pprovduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

(32) Fir-rigward tad-Direttiva 2003/55/KE, il-Kummissjoni għandu tingħatalha s-setgħa biex, tadotta, ***b'ċertu limiti***, il-linji gwida meħtieġa għall-provvediment tal-livell minimu ta' armonizzazzjoni meħtieġ biex jintlaħaq l-għan ta' din id-Direttiva. Billi dawk il-miżuri huma ta' firxa ġenerali u mfaġġala bħala sostenn għad-Direttiva 2003/55/KE permezz taż-żieda ta' elementi ġodda mhux essenzjali, iridu jkunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju pprovduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Ġustifikazzjoni

Ikun biżżejjed jekk, f'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tkun tista' tippubblika linji ta' gwida li jkollhom limiti ċari.

Emenda 4 Artikolu 1, punt 2

(2) Fl-Artikolu 3, għandu jiżdied dan il-paragrafu 7:

Mhux applikabbli

„7. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3).”

Ġustifikazzjoni

L-obbligi ġenerali tas-servizz diġà huma rregolati mid-direttiva fis-seħħ. Linji ta' gwida tal-Kummissjoni ma jagħmlux sens f'dan il-kuntest.

Emenda 5

Artikolu 1, punt 8

Artikolu 9a, paragrafu 3 (Direttiva 2003/55/KE)

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida biex taċċerta l-konformità sħiħa u effettiva mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu tal-proprjetarju tas-sistema ta' trażmissjoni u ta' l-operatur ta' ħżin. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3).”

imħassar

Ġustifikazzjoni

F'dan il-kuntest ma jagħmilx sens li l-Kummissjoni toħroġ linji ta' gwida.

Emenda 6

Artikolu 1, punt 10

Artikolu 13, paragrafu 4 (Direttiva 2003/55/KE)

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta linji gwida biex tiżgura l-konformità sħiħa u effettiva ta' l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni mal-paragrafu 2 fir-rigward ta' l-indipendenza sħiħa ta' l-operatur tas-

imħassar

sistema ta' distribuzzjoni, l-assenza ta' mġiba diskriminatorja, kif ukoll biex tiżgura li l-attivitajiet ta' forniment ta' l-impriża integrata vertikalment ma jeħdux vantaġġ inġust mill-integrazzjoni vertikali tiegħu. Din il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tappoġġaha, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 30(3)."

Ġustifikazzjoni

It-tfassil ta' dan it-tip ta' linji ta' gwida komprensivi mhuwiex xieraq.

Emenda 7

Artikolu 1, punt 13

Artikolu 22, paragrafu 5, subparagrafu 1 (Direttiva 2003/55/KE)

5. Fi żmien xahrejn wara li tkun rċeviet notifika, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni li tirrikjedi lill-awtorità regolatorja temenda jew tirtira d-deċiżjoni li tingħata eżenzjoni. Dak il-perjodu għandu jibda l-għada tal-wasla tan-notifika. Il-perjodu ta' xahrejn jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra fejn il-Kummissjoni teħtieġ informazzjoni addizzjonali. Dak il-perjodu għandu jibda l-għada tal-wasla ta' l-informazzjoni addizzjonali kollha. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll ta' l-awtorità regolatorja. Meta l-informazzjoni mitluba ma tkunx ġiet ipprovduta fil-perjodu stipulat fit-talba, in-notifika għandha titqies li ġiet irtirata jekk, sakemm qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, dan ma jkunx ġie estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll ta' l-awtorità regolatorja, u sakemm l-awtorità regolatorja, fi stqarrija raġunata kif xieraq, ma tkunx informat lill-Kummissjoni li tikkunsidra li n-notifika hija kompluta.

5. Fi żmien xahrejn wara li tkun rċeviet notifika ***rigward ir-regoli tal-kompetizzjoni***, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni li tirrikjedi lill-awtorità regolatorja temenda jew tirtira d-deċiżjoni li tingħata eżenzjoni. Dak il-perjodu għandu jibda l-għada tal-wasla tan-notifika. Il-perjodu ta' xahrejn jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra fejn il-Kummissjoni teħtieġ informazzjoni addizzjonali. Dak il-perjodu għandu jibda l-għada tal-wasla ta' l-informazzjoni addizzjonali kollha. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll ta' l-awtorità regolatorja. Meta l-informazzjoni mitluba ma tkunx ġiet ipprovduta fil-perjodu stipulat fit-talba, in-notifika għandha titqies li ġiet irtirata jekk, sakemm qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, dan ma jkunx ġie estiż bil-kunsens kemm tal-Kummissjoni kif ukoll ta' l-awtorità regolatorja, u sakemm l-awtorità regolatorja, fi stqarrija raġunata kif xieraq, ma tkunx informat lill-Kummissjoni li tikkunsidra li n-notifika hija kompluta.

Ġustifikazzjoni

M'għandhiex tkun il-Kummissjoni iżda l-ACER li tagħti permess li jsiru eċċezzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tagħxi biss rigward deċiżjonijiet rilevanti għall-kompetizzjoni.